

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-19 ta' April 2013

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2003/5 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro

(BĊE/2013/11)

(2013/212/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(1) tiegħi,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 12.1 u 14.3 u l-Artikolu 16(1) tiegħi;

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2013/10 tad-19 ta' April 2013 dwar id-denominazzjonijiet, l-ispeċifikazzjonijiet, ir-riproduzzjoni, il-bdil u l-irtirar ta' karti tal-flus tal-euro ⁽¹⁾

Billi:

- (1) Fid-dawl tal-esperjenza fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Linja Gwida BĊE/2003/5 tal-20 ta' Marzu 2003 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro ⁽²⁾ u għall-finijiet ta' referenza konsistenti għal karti tal-flus tal-euro ġenwini li huma valuta legali, huwa xieraq illi jintuża biss it-terminu "mhassin".
- (2) Għalhekk, il-Linja Gwida BĊE/2003/5 għandha tiġi emendata f'dan is-sens..

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emenda

L-Artikolu 4 tal-Linja Gwida BĊE/2003/5 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Bdil ta' karti tal-flus tal-euro danneġġjati

1. Il-BĊNi għandhom jimplimentaw id-Deċiżjoni BĊE/2013/10 kif imiss. ^(*)

2. Meta jkunu qed jimplimentaw id-Deċiżjoni ECB/2013/10, u bla ħsara għal xi restrizzjonijiet legali, il-BĊNi jistgħu jeqirdu xi karti tal-flus euro dannegħġati jew xi partijiet minnhom, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet legali sabiex dawn jiġu ppreżervati jew imroddha lura lill-applikant.

3. Il-BĊNi għandhom jaħtru entità jew korp wieħed biex jieħu deċiżjonijiet dwar l-iskambju ta' karti tal-flus tal-euro danneġġati għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)(b) tad-Deċiżjoni ECB/2013/10, u għandhom jinformaw lill-BĊE f'dan is-sens.

(*) ĠU L 118, 30.4.2013, p. 37."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din il-Linja għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notiċka tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Artikolu 3

Indirizzati

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' April 2013.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ Ara paġna 37 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 78, 25.3.2003, p. 20